**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Anna Marie Xuereb**[1]

**vs**

**Anthony Agius**

**Illum 25 ta' Ottubru, 2017**

**Kumpilazzjoni numru: 389/2010**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Agius** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 266951 (M) billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Dicembru 2003, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u

[1] Dehret biss ghas-seduta tat-3 ta' Lulju 2017 u ma kinitx involuta fl-istharrig u l-prosekuzzjoni ta' dan il-kaz

disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu tal-Ewro (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Marzu 2006 jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, fil-kapacita tieghu ta' ufficjal pubbliku, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli precedenti ghall-Artikolu 184 fis-Sub-titolu II tat-Titolu V f'Taqsima II tal-Kodici Kriminali;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 30(1)(a) u 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis matandis id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 10 ta' Jannar, 2012 (esebita a fol. 275 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista'

tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

a. Fl-artikoli 42(d), 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 184, 187(2) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 17, 23, 23A, 30(1)(a), 31, 421(d), 190 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2017 il-Qorti ordnat lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub bil-Prosekuzzjoni tipprezenta n-nota taghha fit-22 ta' Marzu 2017 u d-difiza tipprezenta n-nota taghha fil-15 ta' Mejju 2017.

Semghet sottomissjonijiet orali tal-partijiet fit-3 ta' Lulju 2017 u ntbaghtet ghas-sentenza ghallum.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri huma marbuta ma' kaz li sehh fil-11 ta' Dicembru 2003 u beda jinstema' fit-3 ta' Gunju 2010. Il-kaz ghadda minghand erba' Magistrati differenti[2]. U minghand erba' Spetturi differenti[3]. F'dan il-kaz l-Artikoli ntbaghtu mill-Avukat Generali fl-10 ta' Jannar 2012 u nqraw sitt xhur wara fis-26 ta' Gunju 2012.

**Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta <u>b'digriet datat 26 ta' Dicembru 2016</u> moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.**

[2] Magistrat Jacqueline Padovani Grima (illum Imhallef), Magistrat Carol Peralta (Irtirat), Magistrat Donatella Frendo Dimech u Magistrat Joseph Mifsud

[3] Spettur Angelo Gafa (illum CEO tal-Korp tal-Pulizija), Spettur Jonathan Ferris (Irtira mill-Korp), Spettur Sean Scicluna (irtira mill-Korp) u Spettur Anne Marie Xuereb

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

*"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni ... din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

*Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal*

*raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien ... Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[4]

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem **O'NEILL AND LAUCHLAN v. THE UNITED KINGDOM**[5] deciz fit-28 ta' Gunju 2016 fejn intqal hekk dwar dewmien:

*Although the Court has accepted that the applicants' own actions greatly contributed to that delay, in view of the need for diligence triggered by the significant lapses of time both between the commission of the offence and the laying of charges, and between the laying of charges and the applicants' conviction becoming final, the Court considers that the overall length of the proceedings (almost nine years in respect of the first applicant, and just over nine years and two months for the second applicant – see paragraphs 16, 46 and 90 above) was excessive and failed to meet the reasonable-time requirement.*

[4] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.
[5] Applications nos. 41516/10 and 75702/13

*97. There has accordingly been a breach of Article 6 § 1.*

**Rikuza tal-Magistrat**

Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni kapriccjozament fl-1 ta' Dicembru tas-sena 2016 (*a fol.* 401) ipprezentat rikors biex il-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech tirrikuza ruhha u ma tismax il-kaz biex inholoq aktar dewmien bla bzonn.

L-argument li uzat il-Prosekuzzjoni biex ikun hemm ir-rikuza tal-gudikant kien li ai termini tal-Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jghid li *"l-Imhallef jista' jigi rrikuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza … jekk ikun tal-parir tieghu, ittratta quddiem il-Qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha"*.

Illi l-Qorti tagħraf li tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża huma biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi[6] u, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa u f'posthom tali astensjoni jew rikuża[7]. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali[8] u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni

[6] Art. 733 tal-Kap 12

[7] Ara, Kost. 18.2.2008 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Joseph Lebrun

[8] P.A. GV 28.1.2005 fil-kawża fl-ismijiet Gambina vs Fithome Ltd

tal-ġustizzja[9]. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali[10];

Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.[11] U l-fatt waħdu li l-liġi nnifisha tagħti lil dak il-ġudikant is-setgħa li jqis jekk għandux jilqa' jew le talba biex jastjeni mis-smigħ ta' kawża ma ġġibx lil dak il-ġudikant daqs li kieku sar waħda mill-partijiet fil-kawża;

Illi l-fatt li dik il-Qorti fix-xoghol li kellha qabel wettqet hidma mhux marbuta strettament ma' dawn il-proceduri li b'daqshekk biss hija ntrabtet biex ma tqisx b'mod imparzjali jew skond l-aġġornamenti interpretativi ġudizzjarji l-provi u s-sottomissjonijiet li jkunu jridu jsirulha matul is-smigħ kollu tal-kawża. Li wieħed jagħti din it-tifsira jkun qiegħed jistieden b'ħeffa li l-ġudikant jinża' mid-dmirijiet tiegħu taħt il-pretest ta' linja ta' ħsieb pre-formata;

*"Illi l-Qorti tagħraf u ma twarrabx b'ħeffa l-element tal-imparzjalita' suġġettiva u dik oġġettiva tal-ġudikant li kull parti f'kawża jistħoqqilha b'jedd tippretendi li jkun jimmanifesta ruħu. Madankollu, dan il-jedd ma għandux jinbidel f'għodda li bih parti f'kawża toħloq biżgħa li ma jkunx fondat jew okkażjoni biex wieħed jidħol f'sajda għall-ġudikant li tibdel il-proċess ġudizzjarju f'konkors għall-għażla ta' ġudikant favorit*

[9] Kost. 27.9.1984 fil-kawża fl-ismijiet Merċieca pro et noe vs L-Onor. Prim Ministru noe et (Kollez. Vol: LXVIII.i.40)
[10] P.A. (Kost.) VDG 6.10.1994 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et (mhix pubblikata)
[11] Kost. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Depasquale vs Avukat Ġenerali

*fuq ieħor u li jwassal għal dak li bnadi oħrajn huwa magħruf bħala "forum shopping". Dan jaf jissarraf f'abbuż tal-proċess ġudizzjarju taħt il-kappa tal-biżgħa tan-nuqqas ta' smigħ xieraq"*[12];

Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li *"il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il- kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli"*[13];

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona et vs. Direttur Generali tal-Qrati et**, moghtija fil-25 ta' Novembru 2016, fejn inghad:

*"11. Fir-rigward jinsab ritenut:*

*"… … … Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u*

---

[12] Kawża Nru. 2(Kost) Rik. Nru. 50/16JRM fil-kawza Rosette Thake et. vs Onor. Prim Ministru et.

[13] App. Krim. 15.11.2004 fil-kawża Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah

*mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jieħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad- Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli.".*[14]

U fis-sentenza fl-ismijiet **Antonio Pace et vs Rev Henry Abela OP** et noe deciza 26 ta' Frar 2009 illi:

*"[Ir-rikuza] Hu rimedju li għandu jingħata biss wara li jirriżulta b'mod konkret, u mhux biss ipotetikament, li tassew ragonevolment u oggettivament hemm jew jista' tassew ikun hemm lok ta' parzjalita' fil-gudikant li jkun"*[15].

Fid-decizjoni **Incal v. Turkey (2000) 29 E.H.R.R. 449**, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ghamlet sommarju ta' gurisprudenza dwar l-imparzjalita' tal-Qrati:

[14] Ara kazistika citata b'approvazzjoni fil-kaz App.Inf. Gordon Grixti Fino v. St.Patrick's Salesian School, deciz 30 ta' Settembru 2015

[15] P.A. (Kost.) VDG 6.10.1994 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et (mhix pubblikata)

*It held that in order to establish whether a tribunal is independent, regard must be had to the manner of appointment of its members and their terms of office, the existence of safeguards against outside pressure and the question whether it presents an appearance of impartiality. There are two tests as to the condition of impartiality: the first consists of trying to determine the personal conviction of a particular judge in a given case (the subjective approach) and the second in ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (the objective approach). Appearances may be important but what is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and with regard to the criminal courts, in the defendant. In deciding whether there is a legitimate reason to fear that a particular court lacks independence or impartiality, the perspective of the defendant is important; what is decisive, however, is whether his doubts as to the impartiality of the tribunal are objectively justified.*[16]

**Din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba il-Magistrat Frendo Dimech kienet involuta biss a rigward tal-European Arrest Warrant (EAW) tat-terza persuna Ringeling u dan meta kienet tahdem fl-Ufficju tal-Avukat Generali, ma ppronunzjatx ruhha dwar il-mertu tal-kaz in kwistjoni u ghaldaqstant ma kienet tezisti ebda raguni taht l-artikolu citat mill-Prosekuzzjoni l-ghaliex l-istess Magistrat kellha tirrikuza ruhha fil-proceduri odjerni.**

**Din il-Qorti thoss li dak li ghamlet il-Prosekuzzjoni huwa precedent perikoluz tant li anke l-Avukat Generali fit-2 ta' Dicembru 2016 (*a fol.***

[16] ARCHBOLD MAGISTRATES' COURTS CRIMINAL PRACTICE 2018 , pg 137 para 2-29

**404) ma qabilx mat-talba tal-Prosekuzzjoni u oggezzjona ghal tali talba.**

**Il-Magistrat Donatella Frendo Dimech bi prudenza u mhux ghax kienet obbligata taghmel dan, irrikuzat ruhha.**

**Il-professjoni nutarili**

Il-gurista Carnelluti spjega l-importanza tal-professjoni nutarili u jghid li "*tanto piu notaio, tanto meno giudice*", jigifieri li iktar ma n-nutar iwettaq dmirijietu tajjeb, inqas hemm htiega li wiehed jirrikorri quddiem il-qrati.

Fit-twettiq ta' obbligazzjonijiet li huma inerenti ghall-attivita' professjonali tieghu, nutar hu tenut li josserva grad partikolari ta' diligenza li hu superjuri ghal dak tal-persuna medja.

Il-Qorti ta' Cassazione Italiana dwar il-professjoni nutarili stqarret li:

*« l'attività professionale del notaio rientra tra quelle protette e crei un alto affidamento nel soggetto che riceve la prestazione, per cui se il notaio svolge la propria attività professionale in favore di un soggetto, essa deve sempre avere le stesse caratteristiche e qualità, previste dalle norme di varia natura che presiedono alla sua attività, non potendosene prescindere nei casi in cui la prestazione non sia effettuata sulla base di un contratto di prestazione d'opera professionale intellettuale, poiché ciò determina in ogni caso una sua responsabilità»*[17].

[17] Kaz numru 14934 datat 23 ta' Ottubru 2002

Il-professjoni Nutarili hija ta' importanza għall-Istat, is-Socjetà u għaċ-ċittadin in ġenerali. Il-fiduċja hija l-element ewlieni li tikkaraterizza l-Professjoni Nutarili. In-Nutar bħala Uffiċjal Pubbliku huwa estensjoni tal-istat, u allura, hija ħaġa mill-aktar naturali li l-istat jirriponi fil-professjoni Nutarili l-akbar fiduċja. Wiehed jistenna korp ta' professjonisti moralment rett u etikament sod. Il-fiduċja li l-istat – u s-soċjetà in ġenerali - jirriponu fin-Nutar għandha tkun l-ogħla u l-għeżeż valur għal kull Nutar prattikanti.

Cittadin li jqabbad lin-Nutar huwa fih innifsu assikurazzjoni għan-Nutar stess li, jekk jagħmel xogħolu skont il-parametri preskritti mil-Liġi, ħadd u xejn ma jista' jħammarlu wiċċu. Ir-responsabilitajiet u dmirijiet tan-Nutar huma spjegati b'mod car fil-Ligijiet li jirregolaw il-professjoni Nutarili u dan sabiex ir-relazzjoni bejn iċ-ċittadin u n-Nutar tkun dejjem trasparenti u l-partijiet kollha jkollhom aktar serħan-il moħħ.

Il-Qorti taqbel illi l-maġġor parti tan-nutara huma persuni serji, affidabbli u professjonisti li ħaqqhom l-ogħla fiducja. Izda agir ta' minoranza zghira jtappan il-fiducja tac-cittadin f'din il-professjoni. Ic-cittadin irid ċertezza, trasparenza u dinjità fil-qadi tad-dmirijiet tan-Nutar bħala Uffiċjal Pubbliku u professjonist legali.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel

il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħa jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment

morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.'*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn

ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Xhieda**

F'dan il-process li ilu ghaddej is-snin xehdu ghoxrin (20) xhud:

Spettur Angelo Gafa' *a fol.* 15 *et. Seq.*, Nutar Paul Callus *a fol.* 70 *et. Seq.*, Ivan Portelli *a fol.* 80 *et. Seq.*, Ronald Attard *a fol.* 93 *et. Seq.*, Catherine Fenech *a fol.* 116 *et. Seq.*, Dr. Anthony Cutajar *a fol.* 132 *et. Seq.*, Dr. Anthony Abela Medici *a fol.* 139 *et. Seq.*, Dr. Carlo Bisazza *a fol.* 141 *et. Seq.*, Roberto Conte *a fol.* 149 *et. Seq.*, Tarcisio Scicluna *a fol.* 163 *et. Seq.*, Dr. Claudine Fenech *a fol.* 174 *et. Seq.*, Spettur Angelo Gafa' *a fol.* 189 *et. Seq.*, Martin Bajada *a fol.* 230, Ray Aquilina *a fol.* 231 *et. Seq.*, Martin Bajada *a fol.* 249 *et. Seq.*, Spettur Angelo Gafa' *a fol.* 271 *et. Seq.*, Tarcisio Scicluna *a fol.* 283 *et. Seq.*, Ivan Portelli *a fol.* 286 *et. Seq.*, Alex Frendo *a fol.* 394 *et. Seq.*, Dr. Martin Bajada *a fol.* 413 *et. Seq.*

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-Pulizija ta' Malta irċeviet rapport datat 23 ta' April 2009 minn persuna ta' nazzjonalita Olandiza, Wendela Louise Ringering dwar allegat frodi u falsifikazzjoni għad-detriment tagħha. Il-każ imur lura għas-sena 2003 meta Ringering kienet xtrat proprjeta' fis-Swieqi minn għand Champs Mediterrain Ltd. u Raymond Aquilina, tramite Roberto Conte.

Din il-proprjeta′ kien sar konvenju fuqha datat 19 ta′ April 2003 quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Anthony Agius għal prezz ta′ tliet mija u sebgħa u tletin elf, seba′ mija u disgħa u ħamsin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€337,759.14) jew mija u ħamsa u erbgħin elf Lira Maltin (Lm145,000)[18]. Ringering kienet immedjatament trasferiet 10% fil-kont bankarju tan-nutar Agius, bħala depożitu fl-ammont ta′ tlieta u tletin elf, seba′ mija u ħamsa u sebgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€33,775.91) jew erbatax-il elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm14,500) (*a fol.* 104).

Bejn Ġunju 2003 u Lulju 2003 Ringering kienet Malta biex mill-konvenju tgħaddi għall-kuntratt, madanakollu kien hemm problema bit-titolu ta′ l-art u fid-09 ta′ Lulju 2003 hija ffirmat prokura quddiem in-nutar Agius sabiex Roberto Conte jaġixxi f′isimha. Dakinhar ukoll, Ringering kienet trasferiet il-kumplament tal-bilanċ fil-kont tan-nutar, liema bilanċ kien jammonta għal tliet mija u tlitt elef, disa′ mija u tlieta u tmenin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€303,983.22) jew mija u tletin elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm130,500). Ma′ dan l-ammont kienet intalbet ukoll tħallas l-ispejjeż tan-nutar u cioe disat elef, sitt mija u disgħa u ħamsin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€9,659.91) jew erbat elef, mija u sebgħa u erbgħin Lira Maltin (Lm4,147). Dan it-total ta′ Lm134,647 huwa indikat li daħal fil-kont tal-imputat fit-23 ta′ Lulju 2003[19].

---

[18] Kopja tal-konvenju tinsab immarkata bħala Dok AG2 a fol 33 tal-proċess.
[19] *a fol* 106

Ġara li l-kuntratt finali, fuq qbil tal-partijiet involuti, ma sarx fuq l-ammont ta' €337,759.14 (Lm145,000) iżda fuq l-ammont ta' mija u disgħa u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin ewro u erbgħin ċenteżmu (€139,762.40) jew sittin elf Lira Maltin (Lm60,000).[20]

Ringering allegat li d-differenza fil-prezz ta' Lm85,000 kellhom jintużaw għal spejjeż ta' kostruzzjoni u li hija qatt ma qablet li l-prezz kellu jitnaqqas għal skopjiet ta' evazjoni ta' taxxa.

Dwar dan jidher li kien hemm nuqqas ta' qbil tant li kkonfrontat lin-nutar fuq dan il-punt fejn huwa saħaq li dan sar bl-awtorizzazzjoni tagħha permezz tad-dokument li huwa bagħatilha fl-24 ta' Marzu 2006[21]. Ringering allegat li din ma kinitx il-firma tagħha. Dan ġie kkonfermat aktar tard mill-espert tal-Qorti Dr. Martin Bajada fir-rapport tiegħu[22].

L-ammont ta' €337,759.14 (Lm145,000) li Ringering għaddiet lil imputat intużaw kif ġej u dan skont dokumenti esebiti:

- Lm14,500 – BOV Cheque lil Raymond Aquilina minn Nutar Agius datat 5 ta' Ġunju 2003 (Fol 99 u 105).
- Lm55,800 – Bill Payable ref.249793 lil Champ Mediterrean Ltd. minn Nutar Agius datat 11 ta' Diċembru 2003 (Fol 100 u 113).

[20] Kopja ta' dan il-kuntratt finali datat 11 ta' Diċembru 2003, tinsab immarkata bħala Dok AG 3 u tinsab a fol 254, 255 et. seq.
[21] Dok AG 1 li jinsab a fol 252-253.
[22] *a fol* 2

- Lm35,250 – Bill Payable ref.249794 lil Raymond Aquilina minn Nutar Agius datat 11 ta' Dicembru 2003 (Fol 101 u 113).
- Lm35,250 – Bill Payable ref.249795 lil Raymond Aquilina minn Nutar Agius datat 11 ta' Dicembru 2003 (Fol 102 u 113).
- Lm4,200 – Bill Payable ref.249796 lil Commissioner of Inland Revenue minn Nutar Agius datat 11 ta' Dicembru 2003 (Fol 103 u 113).

Dan l-aħħar ammont ta' Lm4200 huwa 7% taxxa fuq il-kuntratt finali ta' Lm60,000 hekk kif ġie spjegat mix-xhud Tarcisio Scicluna a fol.163.

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tispjega li dan il-kuntratt beda kollu minn bejgh ta' proprjeta' bejn Ray Aquilina, direttur tal-kumpanija Champs Mediterranean Ltd., li kien il-venditur ta' bicca proprjeta' liema proprjeta' nbieghet lil Wendela Ringeling.[23] Din l-art li nbieghet tifforma parti minn art maghrufa bhala "Ta'Giokondu"[24]. Il-kuntratt mertu tal-kawza ma kienx dwar din l-art ta' Giokondu kollha, imma parti minnha. Il-konvenju kif ukoll il-kuntratt ta' bejgh saru quddiem in-Nutar Antoine Agius.

Roberto Conte kien is-sensar ta' dan il-bejgh[25]. Ringeling kienet attendiet u ffirmat il-konvenju hija personalment, fejn prezenti ghalih kien hemm ukoll Roberto Conte[26]. rStante li Wendela Ringeling kienet

---

[23]Vide xiehda ta' Raymond Aquilina folio 231 et seq.
[24]Folio 255 tal-process.
[25]Folio 149, 150 u 237 tal-process.
[26]Folio 150 u 233 tal-process.

barranija, din tal-ahhar kienet ukoll ghamlet prokura lil Conte sabiex dan ikun ukoll il-prokuratur u jidher ghall-kuntratt tal-bejgh f'isimha.

Mhux kontestat ukoll illi filwaqt illi fil-konvenju l-prezz tal-bejgh kien Lm145,000[27], il-prezz tal-proprjeta fuq il-kuntratt kien ta' Lm60,000[28].

Skont Roberto Conte kif ukoll Raymond Aquilina[29], Wenda Ringeling kienet taf sa minn qabel ma gie ffirmat il-kuntratt li din id-diskrepanza kienet a fini ta' evazzjoni fiskali.

Wenda Ringeling kienet ghaddiet l-ammont ta' Lm145,000 lin-nutar fil-kont tal-*clients' account* tieghu, u n-nutar kien ghaddha l-ammont kollu lill-venditur Raymond Aquillina. Prova ta' dan kollu huma l-*bank drafts* li gew prezentati mir-rapprezentanti tal-Bank of Valletta plc.[30] Mhux kontestat infatti li l-flejjes ghaddew kollha ghand Ray Aquilina, u li n-nutar ma zamm xejn minn dawn il-flejjes.

Fattur determinanti ghall-dan il-kaz huwa l-fatt li fil-perjodu bejn il-konvenju u l-kuntratt, fl-istadju tar-ricerki, instabu certu fatturi.

Filwaqt li l-konvenju kien sar fid-19 ta' April 2003, skont kif anke jidher mic-certifikati esebiti mid-difiza a folio 326 et seq tal-process, fil-konfront ta' din l-istess art[31], fit-22 ta' Mejju 2003, kien inhareg Certifikat ta' Titolu mahrug skont l-Att dwar ir-Registrazzjoni tal-Artijiet, Kap 296 tal-Ligijiet ta' Malta. Din ir-registrazzjoni tal-art partikolari saret in segwitu ghall-Kap 385 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn skont din il-ligi, bir-

[27]Vide kopja tal-konvenju a folio 33 et seq tal-process.
[28]Vide kopja tal-kuntratt a folio 255 et seq tal-process.
[29]Folio 234 u 237 tal-process.
[30]Folio 99 et seq tal-process.
[31]Vide folio 327 b'mod partikolari fejn hemm id-dettalji kollha jabqlu mad-dettalji indikati fil-kuntratt ta' bejgh a folio 255 tal-process.

registrazzjoni taghha fir-Registru tal-Artijiet, **din titqies bhala proprjeta tal-Gvern b'effett retroattiv mit-18 ta' Frar 1993**[32]. (Enfazi tal-Qorti)

In vista ta' din is-sitwazzjoni, u wara li n-nutar kien informa lill-partijiet b'din il-kwistjoni, kienet giet inserita klawsola ad hoc f'para. 2 u 7 tal-kuntratt tal-bejgh. Fil-para 2 ix-xerrej kien iddikjara li huwa jaf bic-ceritifikat datat 22 ta' Mejju 2003 u li ghalhekk il-garanzija tal-pacifiku pussess kienet qed tigi kwalifikata. Fil-para numru 7 imbaghad kien indikat li l-venditur kien qed jobbliga ruhu li jaghmel l-almu tieghu biex jikkontesta u jhassar dak ic-certifikat, u li jekk ma jirnexxielux, il-kuntratt tal-bejgh jigi rexizz u l-venditur jirrifondi kollox lura lix-xerrej. Dan ghaliex ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 358 tal-Ligijiet ta' Malta l-effett tar-registrazzjoni tal-art fir-registru tal-artijiet ifisser li tali prorpjeta giet trasferita mill-Knisja lill-Gvern u hija prattikament tal-Gvern u mhux tal-venditur Ray Aquilina.

L-izviluppi li sehhew wara l-kuntratt jidru b'mod car fis-sentenza esebita in atti *a folio* 192 *et seq.* tal-process fl-ismijiet ***Avukat Carlo Bisazza bhala mandatarju specjali ta' Wenda Ringeling et., vs Raymond Aqulina nomine u n-Nutar Antoine Agius,*** deciza fit-30 ta' Ottubru 2009.

Hawnhekk, jidher car li zgur sa xhin kienet infethet il-kawza fl-2008 il-kwistjoni tat-titolu dwar l-art kienet ghadha ma gietx rizolta[33].

---

[32]Gie finalment konfermat b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fid-29 ta' April 2016 (folio 338 tal-process) kif ukoll b'sentenza tal-31 ta' Jannar 2017, fl-ismijiet ***Elton u Cheryl konjugi Penza vs Terra Midetteanea Ltd., u Raymond Aquilina et.***, (citazzjoni nru. 299/2004) li din l-art kienet milquta mill-Att dwar Proprjeta ta' Entitajiet Ekklesjasitici, Kap 358, liema ligi taghti effett retroattiv ta' titolu mill-1993.

[33]Il-kawza kostizzjonali giet finalment deciza fl-2016.

Konsegwentament Ringeling iddecidiet li tiftah din il-kawza u tfittex personalment anke lin-nutar ghad-differenza fil-prezz bejn dak li kien hemm dikjarat fil-kuntratt tal-bejgh u dak li effettivament gie mhallas lil Raymond Aquilina il-venditur. Ringeling wahhlet fin-nutar li huwa ddispona mill-flejjes taghha minghajr l-awtorizzazzjoni u qalet li hija qatt ma tat struzzjonijiet lin-nutar biex jghaddi d-differenza ta' Lm85,000 lill-venditur.

F'din il-kawza civili jidher li kienet kontestata skrittura privata fejn Ringeling kienet tat struzzjonijiet biex is-somma ta' Lm85,000 tghaddi favur Raymond Aquilina. Ringeling bdiet tghid li tali skritttura ma gietx iffirmata minnha u li kienet falsifikata.

Il-Qorti kienet iddecidiet testwalment hekk:

*"Il-qorti għal dawn ir-ragunijiet kollha temmen illi l-attrici wkoll kienet taf x'kien il-prezz tassew miftiehem u kienet taf ukoll bl-evażjoni fiskali. It-talbiet tal-attrici għalhekk ma jistgħux jintlaqgħu, kemm għax il-prezz tassew kien dak effettivament imħallas, u għalhekk ma hemm ebda indebiti solutio, u kemm għax in pari turpitudinis causa cessat repetitio.*

*Għal dawn ir-ragunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-attrici. Billi l-partijiet kollha kienu komplici fl-illecitu, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha u ebda parti ma għandha tieħu lura xi sehem mill-ispejjeż li għamlet mingħand parti oħra.*

*Ukoll, billi kien hemm evażjoni fiskali, falzifikazzjoni ta' dokument u nuqqas serju ta' nutar pubbliku fil-qadi tal-professjoni tiegħu, il-qorti tordna lir-registratur, hekk kif din is-sentenza ssir finali, jibgħat kopja lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali."*

Il-Prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha spjegat "*Illi fuq l-istess ċirkostanzi ttieħdu passi fil-konfront tal-partijiet kollha involuti u cioe Raymond Aquilina u Roberto Conte fuq l-ewwel imputazzjoni bħal dik tan-nutar Agius, u fil-konfront tas-sinjura Ringeling fuq l-ewwel imputazzjoni bħal tan-nutar Agius kif ukoll fuq il-kalunnja. Il-Qorti diġa sabet lil dawn il-persuni ħatja fuq l-kompliċita' fi frodi għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u cioe għal fatt li l-prezz fil-kuntratt finali ġie ferm imnaqqas minn kif kien jidher fuq il-konvenju oriġinali bi qbil bejn il-partijiet kollha involuti.*"

**Il-Qorti taghmilha cara li ma jfissirx li ghax persuni ohra kienu mixlija u nstabu hatja fuq l-istess kaz ifisser li l-imputat ghandu jinstab hati wkoll, inkella dan il-process odjern messu ma sar xejn!**

Ta' importanza ghall-kaz in kwistjoni huwa l-fatt li in segwitu ghall-investigazzjonijiet kriminali Ringeling giet ukoll akkuzata talli akkuzat lin-nutar Agius u lil Raymond Aquilina b'reat meta hija kienet taf li dawn in-nies kienu innocenti u hija ammettiet ghal din l-akkuza[34].

Ghalkemm il-Qorti Civili ma qalitx li kien in-nutar li ghamel l-evazjoni fiskali jew li kien hu li ghamel il-falsifikazzjoni ta' dokument, anzi insibu li l-Qorti Civili qalet li kien ix-xerrej li kellu kull interess li jiffalsifika l-firma minhabba li ma fdahiex lil Ringeling[35].

---

[34]Folio 392 tal-process sentenza fl-ismijiet ***The Police vs Wendela Ringeling***, deciza fit-2 ta' Novembru 2011 – dan wara li bdew il-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat.
[35]Folio 199 tal-process.

**<u>Il-kaz Champs Mediterrain Ltd et., vs Direttur tal-Artijiet</u>**

Il-Qorti se tghaddi biex taghmel referenza ghas-sentenzi *Champs Mediterrain Ltd et., vs Direttur tal-Artijiet*[36], fejn il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li:

a) <u>l-art mertu tal-kuntratt hija tal-Gvern</u>:

*"Fil-kaz odjern huwa car li ma kien hemm ebda tehid, privazzjoni jew kontroll fuq xi possediment tas-socjetà rikorrenti ......**<u>ir-registrazzjoni innifisha tipprezumi illi l-art in kwistjoni hija tal-Gvern</u> skond il-ftehim bejn l-Istat u l-Knisja**"*[37];

b) li tant kienet tal-Gvern l-art in kwistjoni li l-Qorti ddecidiet ukoll li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem meta l-Gvern ghamel mandat ta' zgumbrament u mandat ta' inibizzjoni kontra l-proprjetarji fuq il-kuntratti pubblici:

*"Il-fatt li l-Gvern ipproceda b'mandat ta' inibizzjoni u b'kawza ta' zgumbrament kontrihom bis-sahha tat-titolu registrat u pretiz minnu, jifforma parti mid-dritt ta' kull persuna, naturali jew legali, inkluz awtorità pubblika li f'socjetà fejn tirenjza s-saltna tad-dritt tipprocedi gudizzjarament ghall-infurzar ta' dritt minnha pretiz."*[38]

**<u>Il-kaz Elton u Cherly konjugi Penza vs Terra Medittarean Ltd et</u>**.

Sentenza ohra fl-ismijiet ***Elton u Cherly konjugi Penza vs Terra Medittarean Ltd et.***, deciza fil-31 ta' Jannar 2017, li kienet titratta wkoll

[36]Folio 338 et seq u 373 et seq.
[37]Para.42 tas-sentenza tal-Appell. Rikors Kost. nru. 20/04 JRM
[38]Para.43 Ibid.

parti minn din l-art maghrufa bhala ta' Giokondu, ukoll ikkonfermat illi ghalkemm il-Gvern irregistra t-titolu 11-il sena wara l-kuntratt tal-akkwist, xorta wahda il-Qorti (ghalkemm ma sabet l-ebda prova ta' mala fede da parti tal-venditur), minhabba l-effett retorattiv tal-ligi relevanti, annullat il-kuntratt u ordnat ir-rifuzjoni tal-valur tal-fond mixtri u danni subiti.

Is-sommarju tal-kawza civili tal-konjugi Penza ai fini tal-kawza kriminali jghid:

> *"F'din il-kawza l-atturi qed jallegaw illi l-maisonette u garage fil-pjan terran li huma xtraw minghand is-socjeta konvenuta Terra Mediterranea Limited ma kinitx proprjeta tal-istess socjeta konvenuta u ghalhekk l-istess socjeta naqset li tiggarantixxi l-pacifku pussess skond il-ligi. Din l-allegazzjoni qed issir wara li l-art li parti minnha tinkorpora l-porzjon li fuqha mibnija l-maisonette u l-garage giet registrata fir-Registru tal-Artijiet fl-2003 f'isem il-Gvern ta' Malta wara li kienet akkwistata minghand il-knisja bis-sahha tal-artikolu 6 tal-Kap. 358 u saret ir-registrazzjoni tat-titolu mill-Ufficcju Kongunt ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap.358 b'effett mit-18 ta' Frar 1993 ai termini tal-istess ligi u tal-Avviz Legali 57/1993.*
>
> *Din il-vertenza kif impostata bejn il-partijiet kif imharrka trid tibda mill-premessa illi l-Gvern ta' Malta hu l-proprjetarju rikonoxxut mill-ligi tal-art imsemmija fir-Registru tal-Artijiet permezz tac-certifikati ta' titolu numru 60000245 u 60000272. Jirrizulta inkontestat illi tali registrazzjoni saret hdax-il sena wara li l-atturi akkwistaw il-fond minghand is-socjeta Terra. Jirrizulta wkoll illi hemm kawza pendenti li nbdiet wara din, cioe dik bin-numru 489/2004 fl-ismijiet Champs*

*Mediterrain Limited et vs Direttur tal-Artijiet et fejn it-titolu fuq l-art qed jigi kontestat bejn il-Gvern u l-Knisja minn naha wahda u s-socjetajiet konvenuti u l-awturi taghhom minn naha l-ohra."*

Il-Qorti tirrileva li fid-dawl tal-Kawza Kostituzzjonali li taghmilha cara li l-art ta' Giokondu hija tal-Gvern, kif ukoll fid-dawl tal-kawza msemmija tal-konjugi Penza, fejn kuntratt ta' akkwist dwar parti mill-art ta' Giokondu gie annullat, il-kuntratt tal-akkwist bejn Ray Aquilina u Ringeling mertu ta' din il-kawza huwa null u bla effett. Dan stante li in vista' ta' registrazzjoni li saret f'Mejju 2003 izda li kellha effett retroattiv mill-1993 ai termini tal-Att dwar Propjetajiet ta' Entitajiet Eklessjastici, Kap 358 tal-Ligijiet ta'Malta[39], l-art hija tal-Gvern sa mill-1993 u kienet tal-Gvern fil-mument li gie ffirmat il-kuntratt mertu ta' din il-kawza.

**Il-Qorti tinnota li l-prosekuzzjoni bbazat l-allegazzjonijiet kollha taghha a bazi ta' kuntratt ta' akkwist partikolari, isewgi awtomatikament, li jekk dak il-kuntratt huwa null, l-allegazzjonijiet ta' illegalitajiet li jduru mieghu jigu minghajr l-ebda bazi u effett. Apparti minn hekk, stante li bic-Certifikati ta' Titolu esebiti mid-difiza u msemmija ampjament fis-sentenzi civili in atti, l-art mertu tal-kuntratt kienet tal-Gvern sa mill-1993, l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-Gvern suppost kellu jdahhal certu ammont ta' taxxa minn dan il-kuntratt, u minflok dahhal inqas minhabba dikjarazzjoni skorretta dwar il-prezz, hija wkoll infondata u bla ebda bazi.**

[39]Vide d-defizizzjoni ta' "jum stabbilit" fl-artikolu 2 li jirreferi ghad-data tat-18 ta' Frar 1993, u artikoli 5 u 6 li jitkellu dwar il-fatt li r-registrazzjoni ghandu jkollha effett retroattiv mid-data tat-18 ta' Frar 1993.

**L-istqarrija tal-imputat u dikjarazzjonijiet ohra**

L-imputat issottometta illi ghalkemm il-proceduri odjerni bdew fl-2010, mandanakollu l-istqarrija tieghu ttiehdet fl-2009 u ghalhekk in vista tal-fatt li l-imputat fl-istadju tal-investigazzjoni u interrogazzjoni ma nghatax dritt li jkun assistit mill-avukat di fiducja tieghu, u in vista tal-gurisprirudenza inkluz dik tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) li kristallizzat il-posizzjoni dwar l-assistenza legali waqt l-istadju tal-investigazzjoni, l-imputat talab li l-istqarrijiet esebiti f'dawn il-proceduri jigu dikjarati inammissibli.

Din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tikkunsidra jekk hux il-kaz li tiskarta l-istqarrija tal-imputat, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kinitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Il-kwistjoni dwar l-aċċess għal avukat waqt l-istadju tal-interrogazzjoni ġie spiss dibattut mill-Qrati tagħna. Issa, f'**Borg vs Malta**[40] il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet preċiżament hekk:

> *"1. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties*

[40] 12th January 2016.

*that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*"2. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*"3. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*"....*

*"4. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted*

*by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government has not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*"5. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*"6. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

Wara din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tagħna għal darb'oħra kkunsidrat il-kwistjoni f'diversi okkażjonijiet[41]. F'**Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Mejju 2016, dik il-Qorti qalet:

[41] Ara, per eżempju: **Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali**, 16 ta' Mejju 2016; **Stephen Nana Owusu vs L-Avukat Ġenerali**, 30 ta' Mejju 2016; **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, 24 ta' Ġunju 2016; **Aaron Cassar vs L-Avukat Ġenerali et**, 11 ta' Lulju 2016.

**"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' <u>Charles Stephen Muscat</u> u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' <u>Borg v. Malta</u> mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.**

**"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' <u>Muscat</u>, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.**

**"19. Is-sentenza ta' <u>Borg</u> iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' <u>Dimech</u>[42] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.**

**"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-**

[42] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik 34373/13.

**ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.**

**"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.**

**"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."**

Huwa evidenti minn din is-sentenza li, filwaqt li f'**Borg vs Malta** l-proċeduri kriminali kienu ġew konklużi, f'**Saliba**, fejn il-proċeduri ma kinux għadhom ġew terminati, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll iddeċidiet li l-istqarrija tal-akkużat kellha titneħħa u **<u>din il-Qorti hekk se taghmel</u>**.

Apparti minn hekk, pendenti l-proceduri, l-ufficjal prosekutur esebixxa wkoll testimonjanza li kien ta l-imputat fil-proceduri civili li kienet fethet Ringeling kontra n-nutar fejn Ringeling kienet qeghda tfittex lin-nutar personalment ghal Lm85,000. F'nofs din it-testimonjanza l-imhallef sendenti kien ta l-*caution* lill-imputat u tah id-dritt li jaghzel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu. Dan id-dritt però nghata f'nofs ix-xhieda u ghalhekk l-imputat ghandu ragun li jissottometti illi dak kollu li nghad sal-mument li nghatat il-*caution* dak ma ghandux jghodd.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

Il-Qorti se tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet:

### <u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>

### Ir-reat tal-frodi

Illi sabiex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi.[43] Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dan ir-reat u cioe' l-uzu ta' ingann jew raggiri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri t-telf patrimonjali. Finalment jinhtieg li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dan sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi

[43] L-Imhallef Edwina Grima amplifikat dak li l-Qrati rritenew

wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Imbaghad dwar l-element formali tar-reati ta' truffa l-Imhallef Guze Flores kellu dan xi jghid:

> ***"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi biex jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu ***"I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla***

***consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato[44]."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dan ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghall-fini tal-kummissjoni ta' dan ir-reat, izda dana irid bilfors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-**Pulizija vs Carmela German** (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):

***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza ***Il-Pulizija vs Raymond Ferris***[45], deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-21 ta' Mejju 2015 fejn hemm referenza ghal gurisprudenza ohra.

[44] Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali (Il-**Pulizija vs Patrick Spiteri** deciza 22/10/2004)

L-Antolisei[46] dwar l-elementi tar-reat ta' frodi jghid hekk:

> *"Dalla definizione legislative sopra riportata si desume che la fattispecie oggettiva della truffa consa dei seguenti elementi:*
>
> *1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione "artifizi o raggiri";*
>
> *2) la causazione di errore, il quale, come vedremo, deve a sua svolta dare origine a una disposizione patrimoniale;*
>
> *3) un danno patrimoniale derivato dall'inganno con consequente ingiusto profitto per l'agente o altra persona;"*

Dawn l-elementi huma identici ghal dak li dejjem tkellmu dwarhom il-Qrati taghha fejn irritenew li l-elementi huma:

(i) in-ness bejn is-suggettattiv u s-suggett passiv tar-reat;
(ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri;
(iii) l-element ta' dannu patrimonjali; u
(iv) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar.

Dwar f'hiex jikkonsisti l-ingann jew raggiri, il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza ta' Raymond Ferris qalet li:

> *"Illum, ghalhekk, huwa assodat fil-gurisprudenza taghna illi biex ikun hemm ir-reat tat-truffa, ghal dawk li huma artifizi, ma hix bizzejjed is-semplici gidba, izda jinhtieg li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik il-"magna callidibus ad decipiendum aliquamaddibite"; irid ikun hemm dik l-impostura li*

[45] Moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera
[46]F. Antolisei; Manuale Di Diritto Penale, Parte Speciale I, Ed., 1986, pagna 294.

*tikkonstringi lil dak li jkun li jemmen, li tnehhi kull suspett u li tipparilizza d-diligenza tal-iffrodat u tissorprendilu il-bwona fede tieghu."*

Dwar l-element tal-profitt, l-istess Qorti irriteniet li:

*"Pero' kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qliegh ghall-agent, liema telf u qliegh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqosha milli taghmel il-vittma ghax tkun giet imqanqla".*

Manzini jghid li semplici ommissjoni ma hijiex bizzejjed:

*"Ma l'artificio, sia esso positivo o negativo, deve sempre consistere in una azione dell'ingannatore, e non già una semplice omissione. Per la truffa, quando non si simula, si deve dissimulare ciò che si è fatto o si sta facendo, non ciò che si è omesso di fare, giacchè in quest'ultimo caso mancha manifestamente ogni "artificio" e tanto più ogni raggiro."*[47]

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom urew kif irrispettivament mill-mertu, ma huwiex dan ir-reat li kellu jigi attribwit ma' dawn il-fatti allegati, izda reat iehor u dwar dan saret referenza wkoll ghal dak li jghid Manzini dwar id-distinzjoni bejn certu reati, stante li f'din l-ispjegazzjoni wiehed jifhem izjed x'inhu r-reat tal-frodi:

[47] Vincenzo Manzini, *Trattato Di Diritto Penale Italiano*, Ed., 1986, Vol 9, pagna 689.

*"La truffasi distingue dal furto, principalmente perchè l'ingiusto profitto viene consequito dal truffatore inducendo in inganno il truffato a dargli ciò che il primo vuole ottenere, mentre il ladro sottrae ciò che gli conviene, senza carpire il consenso al derubato…..*

*La truffa differisce dalla appropriazione indebita perchè il truffatore conseque il profitto ottendendo con l'inganno la cession del bene desiderato, mentre il colpevole di appropriazione indebita, che già aveva possesso della cosa (mobile) altrui in conseguenza dún rapport non determinato di inganno, fa illegittimamente sua la cosa stessa. I due reati, qiundi avvengono in momenti essenzialmente diversi del rapport patrimoniale: il truffatore inganna per ottenere la consegna; l'altro si giova della consegna regolarmente avuta per impadronirsi della cosa contro i patti di tale consegna."*[48]

Il-Qorti issa se tghaddi biex tara kif dawn l-elementi jirrizultawx jew le fil-kaz odjern:

**a) L-ingann jew ir-raggiri**

Dikjarazzjoni falza fi skruttura ma tista' qatt titqies bhala ingann jew raggiri. Il-gurisprudenza taghmilha cara li biex ikollok il-frodi gidba wehidha mhijiex bizzejjed izda tali gidba trid tkun akkumpanjata minn apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba.

[48] Ibid., pagni 674-675.

In-nutar mhuwiex il-firmatarju tal-ebda kuntratt b'dikjarazzjoni falza. In-nutar kien prezenti ghall-kuntratt fil-vesti tieghu ta' nutar u mhux bhala wiehed mill-partijiet fl-iskrittura. Infatti minn qari tal-kuntratt dan jidher b'mod car u univoku, u n-nutar huwa biss ricevitur tal-atti.

Mix-xiehda ta' Ray Aquilina jidher car li l-ftehim kien sar bejn Raymond, Conte u Ringeling u n-nutar ma kien bl-ebda mod involut fit-trattivi dwar il-prezz. Ray Aquilina jghid:

> "***Pros***: *Kienet taf. Sewwa. U inti ghidtilna meta sar il-ftehim kien hemm ukoll in-nutar kien jaf bil-ftehim ukoll qed tghid?*
> ***Xhud***: *Le, mhux quddiem in-nutar; quddiem Roberto Conte l-ftehim, li ftehmna ma' Robeto Conte, qabel ma dhalna ghal konvenju.*
> ***Pros***: *In-nutar x'kien jaf dwar dan?*
> *Xhud: In-nutar, ew, eq, qisu mal-kuntratt imbaghad qisu sar jaf."*[49]

Fil-kaz in kwistjoni però kull ma hemm hija dikjarazzjoni f'kuntratt fejn il-prezz huwa dikjarat inqas minn dak attwalment miftiehem bejn il-venditur u l-kompratur fil-konveju. L-element tal-ingann jew raggiri huwa nieqes.

Huwa minnu li l-imputat ghandu wkoll l-akkuza ta' komplicità[50] però biex tirrizulta l-komplicità, jrid jigi pruvat mill-prosekuzzjoni l-element

[49]Folio 235 tal-process.

[50] L-artikolu 45 jipprovdi testwalment hekk: **"Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f'delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss –**

**(a) lill-persuna li taghmel l-att;**
**(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u**

tal-*common design* u jrid jigi pruvat minghajr dubju dettat mir-raguni u mhux semplicement b'suspetti.

Mill-provi prodotti, minn imkien ma jirrizulta li n-nutar kellu xi *common design* mal-venditur u mal-kompratur jew is-sensar. Dan ghaliex il-veditur u l-kompratur u s-sensar ghamlu l-ftehim kollu wehidhom bejniethom.

Il-prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tghid li xhieda kruċjali f'dan il-każ u fuq dan il-punt hija dik tas-sur Roberto Conte a fol 149 *et seq.* fejn jgħid ċar u tond li kullħadd kien miftiehm li l-prezz jonqos biex jevadu t-taxxa:

***Pros:*** ***Issa mela dwar dan il-fatt li l-ammont tniżżel għal sixty thousand (60,000) fuq l-ammont finali min kien jaf biha din il-ħaġa? Ir-raguni warajha jigifieri li biex javadi t-taxxa?***

***Xhud:*** ***Diġa għidtlek.***

***Pros:*** ***Min kien jaf biha?***

***Xhud:*** *Il-kompraturi, l-bejjiegħ, ovjament in-Nutar għax in-Nutar kien prezenti.*

***Pros:*** ***Sewwa tagħrfu hawn gew lin-Nutar?***

***Xhud:*** ***Yes in-Nutar Agius…***

…

***Qorti:*** ***Għidtli mbagħad mill-konvenju stess, meta kienu ġew għal konvenju kienu qed jifthemu. Fuq xiex allura kienu qed***

---

**(c) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista' timpedih, hallietu jsir."**

Mela permezz ta' l-imsemmi artikolu, kull att maghmul mill-awtur ta' delitt jew mill-komplici u li jrendi aktar gravi d-delitt, huwa imputabbli lill-persuni elenkati fl-imsemmi artikolu.

*jifthemu jekk il-prezz kien diġa one hundred forty five thousand (145,000)?*

*Xhud:* ***Kemm kienet se tidher***

*Qorti:* ***Kemm kienet se tidher xiex? Il-Prezz?***

*Xhud:* ***Fuq il-propjeta, fuq il-kuntratt finali biex nifthemu…***

It-tieni xhud prinċipali kien il-venditur, u cioe Raymond Aquilina, fejn a fol 231 *et seq*. jispjega eżatt x'kien gara:

*Pros:* ***Spjega ftit lill-maġistrat xi tnizżel fil-konvenju bħala prezz u xi tniżżel fil-kuntratt? U għalfejn?***

*Xhud:* ***Il-konvenju kien prezz u l-ieħor kien prezz ieħor il-kuntratt hu.***

*[…]*

*Qorti:* ***Lil min għaddiethom?***

*Xhud:* ***L-uffiċċju tan-nutar.***

*Qorti:* ***U min tahomlok lilek int, personalment, min taħomlok? Cekk jew cash jew x'kienu? Min tahomlok?***

*Xhud:* ***In-nutar għaddihomli.***

*Qorti:* ***In-nutar.***

*Pros:* ***In-nutar.***

*Qorti:* ***U meta tgħidli, "in-nutar," in-nutar min?***

*Xhud:* ***Antoine Agius.***

*Qorti:* ***Ok.***

*Pros:* ***Tajjeb. Issa, mela l-ammont kien one four five thousand (145,000). Mela, fil-konvenju xi tnizzel bħala ammont jekk jogħgbok? Bħala konvenju qed ngħidu issa.***

*Xhud:* ***One hundred forty-five thousand (145,000).***

*Pros:* ***Issa, fil-kuntratt xi tnizzel, bħala ammont?***

*Xhud:* ***Jekk niftakar sew sixty thousand (60,000) għax għadda z-zmien u.***

| | |
|---|---|
| *Pros:* | *Sixtry thousand (60,000). Tajjeb.* |
| *Qorti:* | *U r-raguni għaliex?* |
| *Pros:* | *Għalfejn, jekk jogħgbok?* |
| *Qorti:* | *Nizziltuha minn one hundred forty-five thousand Maltin (145,000) għal sixty thousand Maltin (60,000)?* |
| *Xhud:* | *Ma xtaqtx nitlef in-negozju u biex nifrankaw it-taxxa.* |
| *Pros:* | *Biex tifrankaw it-taxxa. Issa,* |
| *Xhud:* | *U wehilt l-ispejjez kollha tagħhom u wehilt id-danni kollha jien.* |
| *Pros:* | *Inti, illum dina rrangajt u hallast* |
| *Xhud:* | *Iva, issettjajt kollox; l-iżball li għamilt ammettejt u daqshekk u mort ħallast kollox.* |
| *Pros:* | *U ħallast id-differenza. Tajjeb.* |

*[...]*

**Mill-provi prodotti, wiehed jista' jissuspetta li <u>sussegwentament</u>, in-nutar seta jissuspetta x'kien li wassal ghad-differenza fil-prezz bejn din indikata fil-konvenju u dik indikata fil-kuntratt, però s-suspett biss mhuwiex prova. Ma hemmx ghalfejn jinghad li fil-proceduri kriminali l-vojt fil-provi jibqa' vojt li ghandu necessarjament iwassal ghall-liberazzjoni, u tali vojt fil-provi ma jista' qatt jintela b'kongetturi bla bazi.**

**b) In-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat**

Fid-dawl ta' dak li ntqal diga', b'mod specjali tal-fatt li l-imputat ma kienx parti mill-ftehim u lanqas biss firmatarju tal-kuntratt izda biss

ricevitur tal-atti, isegwi awtomatikament li n-ness huwa bejn il-venditur u l-kompratur u l-Gvern ta' Malta u mhux l-imputat.

L-obbligi tal-hlas tal-*capital gains tax* u tal-bolla huma obbligi tal-venditur u kompratur rispettivament u mhux tan-nutar f'kuntratt[51].

**c) Id-dannu patrimonjali**

Minn kif giet redatta c-citazzjoni jidher li l-prosekuzzjoni qed tallega telf partimonjali ghad-dannu tal-Gvern minhabba evazjoni fiskali.

Jinghad però li l-fatt li seta' kien hemm evazjoni fiskali f'kuntratt ta' xiri ta' proprjeta' ma jfissirx awtomatikament li jezisti r-reat tal-frodi.

Fl-ewwel lok, ir-rizultat tad-dikjarazzjoni falza dwar il-prezz miftiehem kien li l-partijiet hallsu inqas taxxa – mhux li l-Gvern gie indott fi zball u ta xi haga lill-partijiet li huma ma kellhomx dritt ghaliha.

Kif digà gie muri iktar 'il fuq, biex jissussisti r-reat tal-frodi, apparti li l-awtur tar-reat irid ikun ghamel xi haga (u mhux biss ommissjoni), tali agir irid iwassal biex jinduci lill-vittma taghmel xi haga, liema haga, li kieku mhux ghax giet frodata ma taghmilhiex. Fi kliem il-Manzini, l-awtur tar-reat tal-frodi jrid jinduci *"in inganno il truffato a dargli ciò che il primo vuole ottenere"*, fejn *"il truffatore inganna per ottenere la consegna"*.

---

[51] Ara x-xiehda ta' Alex Frendo a folio 396 li jghid li min jixtri jrid ihallas il-boll u min qed jitrasferixxi jrid ihallas il-*capital gains*.

Fil-kaz in kwistjoni però l-Gvern ma gie indott fl-ebda zball li in sewgitu tieghu ta xi haga lill-venditur jew lill-kompratur. Il-Gvern fil-kaz odjern ma ta xejn lil hadd.

Apparti minn hekk, stante li skont ic-certifikati ta' titolu esebiti in atti[52] u mid-diversi sentenzi tal-Qrati Civili esebiti in atti wkoll, jirrizulta b'mod car li <u>l-art mertu tal-kuntratt hija tal-Gvern, allura jsewgi awtomatikament li l-Gvern ma ghamel l-ebda telf partimonjali – anzi huwa l-Gvern li llum il-gurnata jrid jirrifondi lura t-taxxa kollha li thallset mill-partijiet stante li dan il-kuntratt huwa null[53].</u>

Fl-ahhar lok, it-telf partimonjali jrid igib mieghu l-qligh lill-agent. Fil-kaz in kwistjoni, anke dan l-element huwa nieqes.

In-nutar ma ghamel l-ebda qligh kwalsiasi mill-evazjoni fiskali li setghet kienet intiza bejn il-partijiet. Ma ngabet l-ebda prova li n-nutar ghamel xi qligh kwalsiasi minn dan kollu. Ix-xhud Conte jeskludi li sar hekk. Ghad-domanda tad-difiza in kontro-ezami:

> "***Difiza***: *Jigifieri smajt lil xi hadd jghid illi ghandu xi parti n-nutar xi parti minnha din il-bicca tax-xoghol?*
>
> ***Xhud***: *Le.*
>
> ***Difiza***: *Le.*

---

[52]Folio 326 et seq tal-process.

[53]L-artikolu 62 tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, jitkellem dwar ir-radd lura ta' taxxa mil-Kummissarju tat-Taxxa f'certu cirkostanzi inkluz meta dokument ikun gie dikjarat null mill-Qorti, jew inkella l-ammont ricevut mill-Kummissarju ma kienx dovut.

*Xhud: Onestament din l-ewwel darba li qed nismaghha din il-bicca tax-xoghol"*[54].

Apparti minn hekk, ikun xi jkun il-prezz fil-kuntratt, dan lin-nutar ma kien ser taghmillu l-ebda differenza ghaliex huwa kien ser jithallas tas-servizzi tieghu irrispettivament mill-valur tal-prorpjeta'. Kwalsiasi qligh li seta' kien hemm kienu ser igawdu minnu l-venditur u l-kompratur biss ghaliex ir-responsabbilta' li tithallas it-taxxa kienet unikament taghhom.

**d) Id-dolo jew l-intenzjoni tat-truffar**

Ma ngabet l-ebda prova li n-nutar kellu xi intenzjoni kriminali li jitruffa lill-Gvern f'evazjoni fiskali.

Kienu l-venditur u l-kompratur li ftehmu u n-nutar qabad u rrediga l-kuntratt skond kif rieduh il-partijiet. Fl-ahhar mill-ahhar dan il-kuntratt gie ffirmat mill-venditur u l-kompratur u n-nutar ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni kwalsiasi.

Fil-kamp penali hija l-prosekuzzjoni li trid tressaq il-provi tal-elementi materjali u formali kollha tar-reati fic-citazzjoni, u trid taghmel dan sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.

Fil-kaz in kwistjoni l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lanqas l-intenzjoni kriminali da parti tal-imputat. Fil-kaz in kwistjoni, tali

[54]Folio 161 tal-process.

element formali lanqas ma jista' b'xi mod jigi prezunt, stante li l-allegata evazjoni fiskali ma kienet ser tolqot bl-ebda mod lin-nutar.

***Quod nullum est nullum producit effectum***

Jirrizulta mill-atti li l-prorpjeta' mertu tal-kuntratt u ta' din il-kawza hija tal-Gvern allura l-kuntratt huwa wkoll null.

Il-Qorti tfakkar li in linea mal-principju *quod nullum est nullum producit effectum* isewgi li la l-kuntratt huwa null ghaliex il-venditur qatt ma seta' jitrasferixxi proprjeta' li ma kinitx tieghu[55], u la qatt ma seta jkun hemm evazjoni fiskali ghaliex il-proprjeta' hija tal-Gvern u l-Gvern ma jhallasx taxxa lilu nniffsu, u ghalhekk qatt ma seta' jkun hemm reat.

Dan il-principju legali *quod nullum est nullum producit effectum* gie ukoll adottat mill-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fil-kawza ***Thea Pisani u Nicole Pisani Vs Kummissarju tat-Taxxi***[56] deciza nhar il-15 ta' Ottubru 2015.

Fil-kaz in kwistjoni, kien sar trasferiment tal-proprjeta' bejn il-missier u t-tfal tieghu, fejn huwa kien trasferilhom proprjeta' b'donazzjoni. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien inkariga lill-Perit Mario Axisa sabiex jaghti stima tal-fond in kwistjoni sabiex jigi determinat il-valur reali ta' tali fond fiz-zmien tat-trasferiment ghall-finijiet tat-taxxa dovuta ai

[55] Irrizulta li kienet tal-Gvern minhabba registrazzjoni li saret fl-2003 izda li kellha effett retroattiv mil-1993

[56] Rik. Nru. 230/2011VG deciz mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella

termini tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara li ghamel spezzjoni tal-fond in kwistjoni l-Perit Axisa ddetermina li l-valur reali tal-fond fiz-zmien tat-trasferiment kien ta' €52,000 u cioè €28,700 iktar mill-valur dikjarat fil-kuntratt ta' donazzjoni. In bazi ghal tali stima l-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront ta' Thea Pisani ghall-hlas tas-somma ta' €1,004.50 bhala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €28,700 u tas-somma ta' €1,004.50 bhala taxxa addizzjonali, komplessivament ammontanti ghal €2,009. Ir-Rikorrenti kkontestaw l-imsemmija decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghaliex, fost affarijiet ohra, peress illi l-kuntratt ta' trasferiment originali – ossia dak fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 26 ta' Awwissu 2009 – gie rexiss b'kuntratt iehor datat 27 ta' April 2011 in kwantu null, u dana billi rrizulta li Edwin Pisani ma setax jassenja l-imsemmi fond b'titolu ta' donazzjoni a favur uliedu peress illi dan kien di proprjeta' ta' terza persuna, u cioè is-socjetà Combined Catering Company Limited, ebda taxxa fuq valur addizzjonali taxxabbli u taxxa addizzjonali ma jistghu jigu pretizi u wisq inqas mitluba minghandhom in konnessjoni ma' tali trasferiment in segwitu rexiss in kwantu null. Ir-rikorrenti infatti kienu argumentaw li stante li l-imsemmi kuntratt gie rexiss u ghalhekk *quod nullum est nullum producit effectum* bil-konsegwenza li fl-interess tal-gustizzja u tal-ekwità l-Likwidazzjoni ta' Taxxa imsemmija ghandha tigi revokata.

It-Tribunal Amministrattiv proprju minhaba li l-kuntratt precedenti kien gie annullat, laqa' s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti u ddikjara li ma

kellhom ihallsu ebda Likwidazzjoni ta' Taxxa kif mitluba mill-Kummissarju.

**Data fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza**

Dawn it-tlett imputazzjonijiet huma kollha kemm huma marbuta mad-data tal-24 ta' Marzu 2006 u l-jiem u x-xhur ta' qabel.

Dawn it-tlett imputazzjonijiet jitrattaw allegatament uzu ta' skrittura falza.

L-iskrittura in kwistjoni skont il-prosekuzzjoni hija skrittura DOK AG1[57] fejn hemm dikjarazzjoni ta' Ringeling li hija qed tobbliga ruhha li qabel il-kuntratt tal-bejgh hija tghaddi lil Ray Aquilina s-somma ta' Lm85,000 u hija datata 19 ta' April 2003.

Skont l-istess skrittura s-somma ta' Lm85,000 kellha tghaddi a favur ta' Ray Aquilina qabel ma jsir il-kuntratt tal-bejgh.

Mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-Bank of Valletta plc., jirrizulta li l-flejjes ghaddew minghand in-nutar ghal ghand Ray Aquilina fil-11 ta' Dicembru 2003.

Jekk il-Qorti se zzomm mat-tezi tal-prosekuzzjoni, allura l-uzu ta' din l-iskrittura sar minn nutar f'Dicembru 2003 u mhux f'Marzu 2006.

[57] folio 253 tal-process

Mix-xhieda ta' Dr. Carlo Bisazza jidher li d-data ta' Marzu 2006 hija d-data ta' meta n-nutar ghadda kopja ta' din l-iskrittura lill-istess avukat. Infatti skond ix-xhieda ta' Dr. Bisazza jidher li wara li l-avukat staqsa lin-nutar x'kien gara mill-LM85,000 in-nutar, kien baghtlu kopja bil-fax ta' din id-dikjarazzjoni iffirmata minn Ringeling.

Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. …"*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Novembru 2015, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre` Falzon**[58], fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-fatt illi f'dak il-kaz l-appellant kien gie akkuzat talli wettaq reat f'data partikolari meta fil-fatt kien jirrizulta mill-atti u mill-provi mressqa illi l-fatti li wasslu ghall-imputazzjonijiet in kwistjoni kienu sehhew f'data ohra li ma kinitx dik indikata fit-tahrika, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ghal sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti, diversament preseduta, fit-18 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**. F'dak il-kaz, fejn l-appellant kien gie akkuzat talli wettaq reati li allegatament sehhew ghall-habta tas-7.30 p.m., meta l-provi mressqa

[58] Appell Nru: 385/2013 Imhallef Edwina Grima

kienu lkoll jirreferu ghal incident li sehh ghall-habta tas-7.30 a.m., il-Qorti qalet hekk:

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."*

Wara li fil-kaz **Il-Pulizija vs Andre` Falzon**, il-Qorti rreferiet ukoll ghal sentenzi ohrajn li rriaffermaw dan il-principju, kompliet hekk:

*"Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussistu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati."*

Bl-istess mod, ghalhekk, applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis illi la darba l-imputazzjoni odjerna fic-citazzjoni jinghad fl-**<u>24 ta' Marzu 2006 u l-jiem u x-xhur ta' qabel</u>**, dan il-perjodu indikat zgur ma jistax jigi imgebbed biex jinkludi wkoll Dicembru 2003, i.e., kwazi tlett snin qabel.

Bir-rispett kollu lejn il-Prosekuzzjoni, li minn meta nbeda dan il-kaz il-Prosekutur inbidel aktar minn darba, bl-uzu tal-kliem *"u x-xhur ta' qabel"*, il-massimu taz-zmien li jista' jigi inkorporat huwa sena izda mhux izjed. Dan ghaliex kieku wiehed ried jinkludi perjodu ta' iktar minn sena allura kienu jintuzaw il-kliem *"u s-snin ta' qabel"*.

Konsegwentament la dan ma sarx, fid-dawl tal-principji ta' procedura penali li jiddettaw li l-imputat ghandu jkun jaf bl-ezatt b'xhiex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jressaq id-difiza tieghu, u fid-dawl tal-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali li jistipola li c-citazzjoni ghandha ssemma d-dettalji kollha possibli inkluz dik tad-data, allura jsegwi awtomatikament li t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet qatt ma jistghu jirrizultaw bhala pruvati.[59]

U tajjeb jinghad ukoll li jekk wiehed ikollu jressaq id-data tal-uzu tad-dokument ghal Dicembru 2003, isegwi wkoll li allura li t-tielet (re. Art. 187(2) tal-Kodici Kriminali) u r-raba' (re. Art. 189 tal-Kodici Kriminali) imputazzjonijiet huma preskritti bit-terminu ta' hames snin.

[59] Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ***il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' April 2012 li rreferiet ukoll ghal gurisprudenza ohra tal-Qorti tal-Appell.

**It-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni**

**Falsifikazzjoni:**

Illi l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tal-imputat huma dawk tal-falsifikazzjoni. Illi fir-rigward ta' dan ir-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati.

Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Paul Galea**" deciza fis-17 ta' Ottubru 1997:

> *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll*

*b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …"*

It-tieni imputazzjoni titratta l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, u dan anke skont kif indikat fl-artikoli tal-Avukat Generali a folio 275 tal-process.

L-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali jghid li:

*"Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni."*

L-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu jitrattaw kollha kemm huma dokumenti jew skrittturi pubblici.

Fil-kaz in kwistjoni, però d-dokument li l-prosekuzzjoni qed tallega li fih firma falza huwa skrittura privata allegatament miktuba minn Ringeling. Dan id-dokument ma jista' qatt jigi kwalifikat bhala li jaqa' taht wiehed mid-dokumenti indikati fl-artikoli 179 sa 183 tal-Kodici Kriminali, liema artikoli mhumiex indikati fl-artikoli tal-Avukat Generali.

Fid-dawl tal-fatt li dan ir-reat jitkellem dwar skrittura pubblika, u fil-kaz in kwistjoni l-allegazzjonijiet tal-prosekuzzjoni huma dwar skrittura privata, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dan ir-reat.

Fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali jikkwota l-artikoli 187(2) u 189 tal-Kodici Penali.

L-artikolu 187 jistipola li:

> *"(1) Kull min, b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jagħmel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*
>
> *(2) Kull min xjentement jagħmel użu minnha, jeħel l-istess piena."*

Filwaqt li l-artikolu 189 jghid:

> *"Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew **xjentement** jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena."* (Enfazi tal-Qorti).

Fir-rapport dwar il-kaz **Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper**[60] Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira tal-kelma xjentament "*knowingly*" u kif tkun stabilita' x-xjenza f'kaz kriminali:

[60] Local Government Review Reports volume 115, page 445

*"It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think, three degrees of knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort. The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section, Evans v Dell (1). What the Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

*"The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the*

*prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from making inquiries, the result of which the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind, I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law."* [61]

Il-*Crown Prosecution Service* (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "knowledge":

*Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed* ***Westminster City Council v Croyalgrange Ltd*** *83 Cr. App. R.155*

*In* ***Flintshire CC v Reynolds*** *[2006] EWCH 195 (Admin) it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she*

[61] Ibid. pg 449

*knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was that she signed the form completed by her husband without reading it. It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that something has been done knowingly in the context of a criminal statute (in this instance section 112 SSAA 1992).*

Il-Qorti tqis il-fatt li bl-ghazla tal-artikolu 187(2) u mhux 187 (1), jew inkella l-artikoli 187 kollu, l-Avukat Generali mhux qieghed ikun allegat li kien in-nutar li ffalsifika l-firma, u qed isostni biss li n-nutar ghamel uzu minn dan id-dokument.

Rigward l-allegazzjoni ta' uzu xjenti ta' dan id-dokument, pero' xorta jibqa' l-fatt li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha u li trid taghmel dan sal-livell tal-provi minghajr dubju dettat mir-raguni.

X'jirrizulta mill-atti dwar dawn l-akkuzi:

Wenda Ringeling ma ttghelletx sabiex tixhed fil-proceduri. Ghalkemm il-prosekuzzjoni qed tallega li DOK AG 1 huwa falz, l-allegat awtur ta' dan id-dokument lanqas biss tressaq bhala xhud sabiex jikkonferma o meno jekk iffirmax jew le dan id-dokument u jixhed dwar ic-cirkostanzi kollha dwar l-istess.

Tressaq l-avukat ta' Ringeling u xehed dwar dak li ntqal lilu minn Ringeling. Madanakollu dwar din ix-xhieda jezistu zewg impedimenti procedurali. L-ewwel nies, imkien ma jirrizulta li l-avukat gie ezentat mis-sigriet professjonali. Allura tali xhieda tieghu hija wahda

inammissibli.  Fit-tieni lok, kieku l-Qorti kellha tiddikjara dan ix-xhud bhala ammissibli, xorta wahda jibqa' l-fatt li dak li qal u dwar dak li allegatament qaltlu Ringeling huwa kollu *detto del detto*.

Apparti minn hekk, punt iehor li zviluppa waqt dawn il-proceduri kriminali huwa l-fatt li Ringeling stess kienet tressqet il-Qorti b'akkuzi kriminali u apparti l-akkuza tal-evazjoni fiskali, kienet ukoll ammettiet li hija kienet iddenunzjat lin-nutar Agius b'reat meta kienet taf li l-istess nutar Agius kien innocenti[62].

Ray Aquilina u Roberto Conte li wkoll ghaddew proceduri kriminali kontra taghhom, ma jghidu assolutament xejn dwar dan id-dokument bid-dikjarazzjoni ta' Ringeling u mkien ma jghidu li l-imputat kien jaf li dan id-dokument kien falz.

Il-Qorti Civili fil-proceduri li kienet bdiet Ringeling taghti x'tifhem li huwa Ray Aquilina li kellu kull interess li jkun hemm dak id-dokument u tghid li: *"Il-kitba bil-firma tal-attrici falsifikata saret ghax ix-xerrej ma fdahiex, ghax beza' li setghet taghmel dak li fil-fatt ghamlet, i.e. tiftah il-kawza tal-lum biex tiehu lura l-parti mohbija tal-prezz."*[63]

L-espert tal-Qorti Dr. Martin Bajada kkonferma li d-dokument in kwistjoni, Dok AG 1 u li jinsab a fol 253, għandu fuqu firma falza li ttieħdet minn fuq is-*site plan* li kien hemm mal-konvenju u aktar tard mal-kuntratt finali.  Il-prosekuzzjoni qatt ma rnexxielha tipprova min għamel din il-firma, ippruvat biss li dan id-dokument kien fil-pussess

[62]sentenza esebita a folio 392 et seq. tal-process.
[63]Folio 199-200 tal-process.

tal-imputat. Meta Ringering kienet qed tilmenta fuq id-differenza li allegat li kellhom jinżammu għand in-nutar, l-imputat kien bagħtilha l-awtorizzazzjoni li kellu permezz ta' *fax* datat 24 ta' Marzu 2006 u li kellu anness l-iskrittura li rrizulta li kien hemm firma falza datata 19 ta' April 2003. L-imputat dejjem stqarr li d-dokument kien ħejjieh hu iżda kien għaddieh lil Roberto Conte sabiex dan jgħaddieh lil Ringering u din tiffirmah. Il-Prosekuzzjoni tghid li hija ħaġa stramba li fid-data tad-dokument u cioe' 19 ta' April 2003 u anke fid-data tad-09 ta' Lulju 2003 jidher li Ringeling kienet Malta u setgħet faċilment tiffirma dan id-dokument hija stess.

Il-kwistjoni tibqa jekk l-imputat kienx jaf li l-iskrittura hijiex waħda falza jew le.

Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova kwalsiasi li b'xi mod tindika li n-nutar kien jaf li dan id-dokument kien falz. Wiehed ma jridx jinsa li l-legislatur juza l-kliem *"xjentament jaghmel uzu minn…",* kwindi x-xjenza huwa element *sine qua non* li l-proskeuzzjoni trid tipprova, izda fil-kaz odjern ghandna *vacuum* assolut dwaru.

L-unika prova li ressqet il-prosekuzzjoni dwar l-allegata illegalita' marbuta ma' dan id-dokument huwa r-rapport ta' Dr. Martin Bajada. Ir-rapport ta' Dr. Martin Bajada jghid li l-firma giet *superimposed* minn firma ohra li tinstab fuq pjanta li kienet annessa mal-konvenju. Jirrizulta mill-atti li ghall-konvenju kien hemm prezenti il-venditur Ray Aquilina, is-sensar Roberto Conte u anke Ringeling stess.

Dr. Martin Bajada fir-rapport tieghu ma jghidx li kien l-imputat li ghamel din is-*superimposition* u dan seta' sar minn kwalsiasi persuna.

Din is-*superimposition* tirrekjedi hila u sengħa specjali biex tigi skoperta, tant hu hekk li dina il-Qorti kif diversament preseduta kellha l-ħtiega li tinnomina espert biex jikkonferma o meno l-awtenticità tal-firma.

Dr. Martin Bajada in kontro-ezami jikkonferma li huwa difficli ghal persuna li ma hijiex esperta li tinduna li tali firma hija wahda *superimposed*.

Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li n-nutar kellu x-xjenza li tali firma ma kinitx genwina u li huwa uza tali dokument meta kien jaf li ma kienx genwin.

**KONKLUZZJONIJIET**

Minn ezami ta' aktar minn 733 pagni ta' xhieda u dokumenti f'dan il-process jidher b'mod car li n-nutar ma kienx partecipi fil-ftehim dwar il-prezz, u li l-ftehim sar bejn Aquilina, Conte u Ringeling.

In-nutar segwa l-istruzzjonijiet u nizzel id-dettalji li tawh il-partijiet, u filwaqt li huwa jiddikjara li r-raguni probabbilment kienet biex il-partijiet jiffrankaw il-flus, mill-banda l-ohra, jidher car li huwa wasal ghal din il-konkluzzjoni wara u ghaliex seta' jissuspetta hekk.

Ma jirrizultax li kien hu li hareg bl-idea jew li kien involut fit-trattattivi.

L-obbligu tal-hlas kien fuq il-venditur u l-kompratur, u ghalhekk l-imputat zgur ma jistax jinghad li kien b'xi mod komplici maghhom ghaliex huwa qatt ma seta' kellu l-*common design* bhal taghhom u l-ebda intenzjoni li jaghmel xi haga biex jevadi t-taxxa.

In-Nutar salda l-kontijiet pendenti u ghal dak illi jirrigwarda dak it-trasferiment ma hemmx aktar hlasijiet xi jsiru.

Il-Prosekuzzjoni tghid li *"l-fatt li t-taxxa (Capital Gains) eventwalment tħallsu*[64] *ma jnaqqasx mir-responsabilita' fl-egħmil tar-reat ta' frodi li huwa ex-officio. Ta' min jinnota wkoll li l-ħlas dovut lid-dipartiment tax-taxxi sar fis-sena 2010 hekk kif inbdew il-proċeduri kriminali kontra l-partijiet u ferm wara s-sena 2003 meta dawn kienu inizjalment dovuti. Minkejja dan skond ix-xhieda a fol. 286 jidher li fir-rigward ta' taxxa (Stamp Duty) l-ammont li tħallas kien dejjem fuq il-prezz qarrieqi u cioe dak ta' Lm60,000."*

Il-Qorti tirrileva illi jekk hemm xi censura f'dan l-operat huwa biss illi n-Nutar zamm ghandu ghal zmien aktar milli suppost xi flejjes illi kienu fdati ghandu ghal skop partikolari.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-awtur Maino (Commento al Codice Penale Italiano Vol. IV para 1951 pg 103) fejn l-awtur jikkummenta dwar l-artikolu 417 tal-Kodici Penali Taljan li huwa simili hafna kwazi kelma b'kelma ghall-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

[64] *a fol.*283

Il-Maino jghid *"l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo."* Ikompli jghid *"la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo."*

Maino jirriferi ghall-awtur Carrara *"la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai siavra' appropriazione indebita".*

Il-gurista Maino jkompli jghid *"al trove lo stesso autore( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ......."*

Kif jghid il-Mamo[65] dwar il-komplicità:

*"Now, the notion of participation in an offence implies that while one and the same is the offence committed, the subject responsible therefore are several and, consequently, there must be fulfilled <u>in respect of each of them,</u> the conditions*

[65] Notes On Criminal Law, Vol. I

*required to constitute the subject of an offence. The two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and to have done something towards committing it."*

L-ewwel imputazzjoni, dik tal-frodi ma tista' qatt tirrizulta sia minhabba li huma nieqsa l-elementi materjali tar-reat, kif ukoll minhabba li l-kuntratt li a bazi tieghu qed jigi allegat il-frodi rrizulta li huwa null.

Ghamel hazin il-Dipartiment tal-Gvern li accetta t-taxxa li thallset ghax la dik l-art kienet tal-Gvern skont ic-Certifikat tat-Titolu, allura ma kien hemm l-ebda taxxa dovuta.

Il-Qorti tislet dak li qal il-Prim Imhallef Silvio Camilleri meta kien qieghed jippresedi l-Qorti tal-Appell Kriminali l-kawza Il-**Pulizija vs Silvio Hili** meta qal:

> *"Hawn si tratta ta' uffiċjal pubbliku li kemm l-Istat kif ukoll iċ-ċittadin ordinarju neċessarjament jinvestu fih l-ogħla fiduċja u jagħtuh l-akbar affidament li ser jimxi magħhom b'korrettezza u mingħajr ma jqarraq bl-interessi tagħhom"*[66]

Il-Qorti minn kif irrizultawlha l-fatti fejn jidhol id-dokument li l-firma fih kienet falza, tistenna minn nutar pubbliku li la darba huwa hejja dokument, huwa nuqqas kbir di parti tiegħu jekk il-persuna li hemm bżonn tiffirma dan id-dokument ma tagħmilx dan fil-preżenza tiegħu. Huwa iktar u iktar nuqqas kbir li jikkrea dokument b'data preċedenti u

[66] Appell Nru: 171/14G - Seduta tat-13 ta' Marzu 2015

mingħajr il-firma tal-parti li għandha tirċievi l-flus u cioe s-sur Raymond Aquilina.

Fl-aghar ipotesi kull ma jista' jinghad fil-konfront tal-imputat huwa li ttraskura li jaghti l-attenzjoni dovuta, liema nuqqas l-imputat seta' kien passibbli ghal proceduri marbuta mal-professjoni nutarili izda certament mhux dawk penali.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**Dr Joseph Mifsud**
**MAGISTRAT**